Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Ċivili Numru 11/14AE

**John Bonnici**

**vs**

**V.G. Tiles Co. Ltd.**

L-Erbgħa, 13 ta' Jannar 2016

Permezz ta' avviż ta' talba quddiem it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumaturi l-attur ippremetta illi wara li xtara madum ta' Malta stil antik mingħand is-soċjeta` konvenuta, ħallas €965 akkont, waħħlu fil-post, u taħ il-*polishing*, il-madum beda juri diversi difetti. L-attur talab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' €2,395.

Is-soċjeta` konvenuta għalkemm notifikata, naqset milli tipprezenta tweġiba u lanqas dehret għas-smiegħ tal-kawża.

B'sentenza tas-27 ta' Mejju 2014 it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur wara li osserva li *".... jikkunsidra li l-verzjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u accettabbli"*.

Is-soċjeta` intimata appellat mis-sentenza. Fir-rikors iddikjarat li setghet tappella in forza tal-Artikolu 22(3) Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) li jipprovdi li hemm dritt ta' appell *"fil-każijiet kollha"* fejn l-ammont in kontestazzjoni jaqbez is-somma ta' €1,200. L-aggravji taghha huma li:

1. kontumaċja tfisser kontestazzjoni u għalhekk kontumaċi sokkombenti jista' jappella.
2. Kontumaċja ma teżonerax lill-attur milli jipprova l-każ tiegħu.
3. L-attur xehed li ħallas €965 u ma ġieb l-ebda prova ohra dwar danni. Ma pprezentax kontijiet u lanqas riċevuti u pprezenta biss 10 ritratti tal-madum. L-appellanti ssosnti li b'daqshekk ma ppruvax il-każ tiegħu, wisq inqas l-ammont ta' €2,395.

Is-soċjeta` konvenuta, illum appellanti, talbet lil din il-qorti sabiex tilqa' l-appell u:-

*"..... konsegwentement tirriforma s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur datata 27 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet premessi fis-sens illi l-appellanta tigi kkundannata biss sabiex thallas is-somma ta' disgha mija u hamsa u sittin ewro (€965) minflok is-somma intiera ta' elfejn u tlett mija u*

*hamsa disghin ewro (€2,395), bl-ispejjez tal-ewwel istanza jinqasmu fi kwoti ta' 40% a karigu tal-appellanta u 60% a karigu tal-appellat waqt illi l-ispejjez ta' dan l-appell kollha kontra l-istess attur appellat"*.

L-appellat wiegeb li:-

1. biex jiġi ammess appell minn kontumaċi, dan irid l-ewwel jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.
2. it-Tribunal applika tajjeb l-artiklu 23(2) tal-Kap 378.
3. L-appellat huwa dispost iressaq iktar provi jekk din il-Qorti hekk titlob.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża inklużi d-dokumenti esibiti.

Peress li l-ammont in kontestazzjoni jaqbez is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200), id-dritt ta' appell m'huwiex limitat (Artikolu 22(3) tal-Kap. 378).

Fl-ewwel lok il-qorti tosserva li gialadarba l-kontumaċja hi kontestazzjoni, il-konvenut jista' jappella fil-mertu, s'intendi dejjem fl-istat kontumaċjali tiegħu u għalhekk ma jkunx jista`, normalment, iressaq eċċezzjonijiet jew xhieda fl-appell. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawzi:- **London Services Limited v Regina Bianca Limited**, 31 ta' Lulju 2003 u **Anthony Grech v Joseph Farrugia**, 17 ta' Frar 2004.

Barra minn hekk, skont Artiklu 208(2) "Jekk fil-qorti tal-ewwel grad il-konvenut ma jkunx ippreżenta r-risposta ġuramentata kif inhuwa msemmi fl-artikolu 158 u jkun naqas li jidher għas-smigħ tal-kawża, huwa ma jkunx jista' jġib xhieda fil-qorti fi grad ta' appell, kemm-il darba ma jurix raġuni tajba, fil-fehma tal-qorti, li għaliha huwa jkun naqas." Kieku kontumaċi ma kellux jedd t'appell, ma kienx ikun hemm lok għal dan l-artiklu li jirregola l-attivita` tiegħu fl-appell.

Fil-meritu, m'hemmx kontestazzjoni li l-attur hallas is-somma ta' €965 bhala depozitu. Is-socjeta konvenuta trid biss li s-sentenza tat-Tribunal tigi riformata, fis-sens minflok is-somma ta' €2,395 tigi kkundannata thallas is-somma ta' €965. Ghall-qorti hu evidenti li l-appellanti accettat il-konkluzjoni tat-Tribunal li l-madum kien difettuz. Fir-rigward tal-bilanc, €1,430, m'hemmx provi. Kien biss l-attur li xehed u qal biss li:-

*"Fis-6 ta' Novembru 2012 jiena kont ordnajt tiles minghand is-socjeta intimata. Nghid li kont hallast deposit ta' €965. Fit-23 ta' Jannar, 2013 kienet waslet il-kunsinna pero' kien hemm xi tiles bojod neqsin. Ghaldaqstant, kienet saret kunsinna ohra fl-10 ta' April 2013 u beda t-tqeghid ta' dan il-madum u tkompla f'Gunju 2013. F'Lulju xahar wara sar il-polishing. Meta sar dan bdew jidhru cracks fil-madum"*.

L-attur ma ta l-ebda hjiel dwar is-somma ta' €1,430. Lanqas ma pprezenta ricevuti jew xi stima. Bla dubbju kien l-obbligu tal-attur li jressaq provi dwar dan id-danni li jippretendi, iżda dan naqas milli jagħmlu. Fatt li jidher li

jaccetta in kwantu fit-twegiba ddikjara li kien dispost li jressaq il-provi. Pero' fl-istadju tal-appell m'ghandhomx jitressqu provi li setghu faċilment jitressqu quddiem l-ewwel qorti.

Il-madum twahhal u sar it-toghrik. Dan ifisser li l-attur inkorra spejjeż biex il-madum jiġi mqiegħed fl-art, jiġi mogħruk, u kif ukoll biex jinqala' mill-ġdid. Din il-qorti[1] fil-kaz **Charles Attard v Carmela Frendo** deciz fit-30 ta' Jannar 2003, osservat:-

*"Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha li għandu jkun hemm temperament bl-applikazzjoni tar-regola stabbilita anke minn ġurisprudenza magħrufa illi fejn il-provi fir-rigward ta' l-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'każ ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont għandu jiġi ffissat ex aequo et bono mill-ġudikant (**Vol. XXXV.iii.615**)."*

Rilevanti wkoll hu li fi proceduri ta' din ix-xorta, it-Tribunal ghandu jiddeciedi wkoll skond l-ekwita' [Artikolu 21(2)] u m'huwiex marbut bir-regola tal-ahjar prova [Artikolu 21(3)]. Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida somma ulterjuri ta' seba' mitt ewro (€700) bhala danni.

Il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-ispejjez kollha tal-appell ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur, gialadarba:-

i. Kienet il-konvenuta li naqset milli tressaq id-difiza taghha quddiem it-Tribunal;
ii. L-appellanti ma nghatatx ragun ghal kollox fl-aggravju dwar il-meritu.

**Għal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u tirriforma s-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi tas-27 ta' Mejju 2014, fis-sens li tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elf sitt mija u hamsa u sittin ewro (€1,665). L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-konvenuta u 30% a karigu tal-attur.**

Imħallef Anthony Ellul

[1] Imhallef P. Sciberras.